0

**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 272/2022 LC

**FELICE SCHEMBRI (K.I. 321251M)**
**ANDREANA SCHEMBRI (K.I. 264752M)**
**ĠUŻEPPA SIVE JOSEPHINE FENECH (K.I. 266145M)**
**FRANCIS FARRUGIA (K.I. 266245M)**
**RITA ZAMMIT (K.I. 60242M)**
**JOHN FARRUGIA (K.I. 476451M)**

**VS**

**CARMELO MAMO (K.I. 87045M)**

Illum, 17 ta' Mejju 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Felice Schembri et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex:

i. Jiddikjara li l-intimat Carmelo Mamo (K.I. 87045M) huwa l-inkwilin tal-fond numru 100, Triq San Bartilmew, Żurrieq, għal liema kirja japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Jordna t-twettieq tat-test tal-mezzi, skond il-liġi;

iii. F’każ li l-inkwilin ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul tat-test tal-mezzi, tordna li l-fond jiġi vakat fi żmien sentejn u jiddetermina l-kumpens dovut tul dan il-perjodu ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta;

iv. F’każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi jirrevedi l-kirja għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond u dan ai termini tal-artikolu 4(b) u 4A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tas-26 ta’ Mejju 2023 sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjoni causa mortis tad-defunta Carmela Schembri (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (v) f’każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimat Carmelo Mamo (K.I. 87045M) tal-1 ta’ Settembru 2022, fejn sommarjament, jeccepixxu li:

1. Illi preliminarjament għandu jiġi rilevat li l-eċċipjent dejjem ottempera ruħu mal-liġijiet viġenti, u għaldaqstant ma tista’

tiġi attribwita l-ebda ħtija jew nuqqas da parti tiegħu, fl-eventwalita' li dan l-Onorabbli Bord jakkolji tali talbiet tar-rikorrenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissodisfa t-test tal-mezzi kurrenti, u dan kif ser jirriżulta matul il-mori ta' dawn il-proċeduri u għalhekk ma hemmx il-lok li jiġi ordnat l-iżgumbrament tal-esponent. Di fatti, l-esponent huwa penzjonant bi dħul u kapital minimu.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-reviżjoni tal-kera m'għandhiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%), iżda għandha tqarreb aktar lejn il-minimu u/jew b'rati miżjuda gradwalment u dan tenut kont tal-eta' avvanzata u ċ-ċirkostanzi tal-esponent, inkluż il-fatt li l-unika mezz ta' introjtu tiegħu hija l-pensjoni.

4. Illi l-esponent jikkontendi illi fi kwalunkwe każ, il-pożizzjoni tiegħu hija waħda ta' bla ħtija, u f'każ ta' kwalsiasi reviżjoni fl-ammont ta' kera li jogħġbu jordna dan l-Onorabbli Bord, huwa l-Istat li għandu jassumi tali responsabbiltà.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-25 ta' April 2022 fejn l-intimat wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, Alistair Avallone u Stephanie Cassar, senjatament ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta’ dan l-istess fond.

Illi mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta illi ir-rikorrenti Felice Schembri flimkien ma' ħutu wirtu nofs indiviż tal-fond imsemmi mill-poter ta' ommu Carmela Schembri, li ġiet nieqsa fil-11 ta’ Frar 2003, u dan skond ma jirriżulta mill-Att ta' Dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikata min-Nutar Dottor Mario Bugeja fl-10 ta' Ġunju 2003. Sussegwentement permezz ta' kuntratt ta’ kompro-vendita ippubblikat fl-atti tal-istess nutar fil-05 t'Ottubru 2018 ir-rikorrenti Feliċe Schembri flimkien ma' martu Andreana Schembri akkwistaw sehem l-aħwa ta’ Felice Schembri.

Illi mill-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikat minn nutar Dottor Graziella Agius Farrugia fit-23 ta' Marzu 2010, ir-rikorrenti l-oħra wirtu n-nofs indiviż rimanenti mill-fond *de quo* mill-poter ta' ommhom Maria Farrugia, li ġiet nieqsa fis-16 ta' Novembru 2009. Sussegwentement, permezz tal-kuntratt ta' kompro-vendita ippubblikat minn nutar Dottor Sandra Bugeja fil-11 ta’ Ottubru 2018 ir-rikorrenti Feliċe Schembri u martu Andreana Schembri akkwistaw

uħud mill-ishma tal-eredi ta' l-imsemmija Maria Farrugia biex b'hekk Feliċe u Andreana Schembri huma l-proprjetarji ta' 5/7 sehem indiviż filwaqt illi r-rikorrenti rimanenti huma proprjetarji ta' 2/7 sehem indiviż.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond *de quo* ilu mikri lill-intimat għal diversi snin. Illi fid-dawl tal-fatt illi din id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx ikkontestata mill-intimat, il-Bord huwa sodisfatt li <u>għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri</u>, l-intimat Carmel Mamo huwa effettivament l-inkiwlin tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Carmel Mamo kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Carmel Mamo <u>ma jeċċediex</u> il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **<u>jissodisfa</u>** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69

tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti minn dar antika fil-qalba taż-żurrieq fi triq dejqa ikkaratterizzata minn binjiet simili. il-fond jinkludi l-arja kollha sovrastanti.

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu kundizzjoni tal-proċess odjern u kkunsidraw il-fatturi relatati mal-fond li jinkludu t-tip u d-daqs tal-fond in kwistjoni; il-lok ta' fejn tinsab il-propjetà u proprjetajiet simili fis-suq huma tal-fehma illi l-valur tas-suq jammonta għal mitejn u sittin elf Ewro (€260,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *“il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta’ dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta’ kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta’ Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

*jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' ħamest' elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimat Carmelo Mamo huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 100, Triq San Bartilmew, Żurrieq;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jiċħad it-tielet talba stante li l-intimat jissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

4. Jilqa' r-raba talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 100, Triq San Bartilmew, Żurrieq għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Carmelo Mamo għall-ammont ta' ħamest elef u mitejn Ewro (€5,200) fi-sena u jordna lill-intimat Carmelo Mamo jibda jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett

mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**